MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 1636/2000/1

**Alex Grima**

**vs**

**Mario Camilleri u Tessie Camilleri**
**ghal kull interess li jista' jkollha fil-Ligi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentata mill-attur fit-22 ta' Novembru, 2000, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur is-somma ta' seba' mija u tmintax-il lira Maltin u disghin centezmu (Lm718.90), rapprezentanti hlas ta' appogg minnhom pratikat mall-hajt divizorju bejn il-fond ta' l-attur u cioe' "Meadowpearl", Plot 24 gja plot 45, Triq M Attard Vagnolo, Qormi u dak tal-konvenuti u cioe  Plot 28/30, gja plot 44, Triq M. Attard Vagnolo, Qormi, liema ammont gie stabbilit permezz ta' stima peritali rilaxxjata mill-perit Frank Giordmaina-Medici datata

20 ta’ Lulju, 1999 (kopja annessa u mmarkata bhala “Dok. A”).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz gahs-Smigh sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

(1) Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti kienu ftehmu ma’ l-attur li l-appogg kellu jithallas fir-rigward dak il-parti tal-hajt mill-planki ‘l fuq biss;
(2) Illi skond l-istess ftehim, il-hlas ta’ l-appogg kellu jsir biss jekk ix-xoghol maghmul mill-attur innifsu kien skond l-arti u s-sengha;
(3) Illi in effetti, dan l-istess hajt maghmul mill-attur innifsu, ma sarx sew, tant li l-eccipjenti garrbu konsenturi ghall-ghomorhom, u l-hajt divizorju fir-rigward ta’ liema kellu jithallas l-appogg, kellu jkun invjat mill-istess konvenuti;
(4) Illi in kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv, ghaliex il-konvenuti ga hallsu lill-attur is-somma ta’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm189.97), parti mis-somma ta’ seba’ mija u tmintax-il lira Maltin u disghin centezmu (Lm718.90) dovuti bhala appogg pratikat mill-istess;
(5) Illi inoltre, l-attur sussegwentement saqqaf il-bitha tieghu bil-‘perspex’, liema saqaf jistrieh fuq il-hajt ta’ l-appogg tal-konvenuti, u ghalhekk l-attur ghandu jhallas lill-konvenuti l-appogg minnu pratikat mall-hajt divizorju, liema appogg pero’ l-attur jirrifjuta li jhallas;
(6) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Jannar, 2001 fejn innominat lit-tekniku AIC Valeriano Schembri sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-rapport tat-tekniku fuq imsemmi, pprezentat u mahluf fl-24 ta’ Mejju, 2005;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, specjalment in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti u r-risposta ta' l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda appogg ipprattikat bejn il-partijiet fil-hajt divizorju bejn il-fond ta' l-attur "Meadowpearl" Plot 24, gia plot 45, Triq M. Attard Vagnolo, Qormi u dak tal-konvenuti Plot 28/30, gia plot 44, fi Triq M. Attard Vagnolo, Qormi.

L-attur talab l-ammont ta' seba' mija u tmintax-il lira Maltin u disghin centezmu (Lm718.90) skond tal-perit Giordmaina-Medici esebit a fol. 2 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi t-tekniku nominat mill-Qorti ezamina dan ir-rapport u ha l-konstatazzjonijiet kollha necessarji waqt access u sensiela ta' seduti mizmuma minnu u wara li ghamel il-kalkoli tieghu wasal ghall-konkluzjoni illi l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur huwa sitt mija u disgha u hamsin lira Maltin u tmien centezmi (Lm659.08). Dan jirrifletti l-appogg shih u cioe mill-wicc tal-blat 'l fuq u mhux mill-planki kif qed jeccepixxi l-konvenut. Ikkonkluda wkoll, illi x-xoghol sar skond l-arti u s-sengha u ma gew ikkonstati l-ebda konsenturi waqt l-access.

Fil-hames eccezzjoni tieghu, l-konvenut qieghed jghid illi ghandha ssir tpacija ma' ammont illi ghandu jiehu minghand l-attur. Mill-atti tal-kawza, pero' jidher illi dan l-ammont huwa kkontestat u ghalhekk ma tistax issir tpacija. Fil-kawza fl-ismijiet <u>Anastasi vs Dixon</u>, deciza mill-Prim'Awla fit-3 ta' Novembru, 1982 intqal illi skond l-Artikolu 1240 [illum 1197] it-tpacija tista' ssir biss bejn zewgt idjun illi jkollhom it-tnejn bhala oggett interalia somma ta' flus li jkunu t-tnejn likwidati u li jistghu jintalbu. Jekk is-somma tkun kontestata ma tistax isservi bhala bazi ghall-tpacija. [ara <u>Onor. Carm Lino Spiteri vs PDW</u>, Appell 25 ta' Jannar, 1988].

Mill-bqija l-Qorti ssib illi ghandha toqghod fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit tekniku minnha nominat.

Fil-kawza Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar, 2001 intqal illi, "L-opinjoni teknika kkonfermata bil-gurament minn perit tekniku, bhall kull prova ohra setghet tigi skartata nill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjozament imma biss fejn tirrizulta raguni valida fuq l-atti. Bhala regola hu stabbilit, anki bil-gurisprudenza, li Qorti ma kellhiex twarrab u tiskarta opinjoni ta' perit tekniku minnha nominat ghaliex dik, kif inghad tikkonstitwixxi element ta' prova mportanti, jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant."

Ghalhekk, il-Qorti ma ssibx li jezistu ragunijiet ghalhiex ghandha tvarvaja mill-konkluzjonijiet raggunti mill-perit tekniku, liema konkluzjonijiet qeda tikkonferma, kif ukoll ir-ragunament li wassal ghalihom.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsuh is-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin lira Maltin u tmien centezmi (Lm659.08) rapprezentanti hlas ta' appogg minnhoim pratikat mall-hajt divizorju bejn il-fond ta' l-attur u cioe' "Meadowpearl" Plot 24, gia plot 45, Triq M. Attard Vagnolo, Qormi u dak tal-konvenut u cioe' Plot 28/30, gia plot 44, fi Triq M. Attard Vagnolo, Qormi.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------